C/2024/1809

28.2.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11487 – DIGITALBRIDGE / EQUITIX / FREEDOM FIBRE / VX FIBER / LILACONNECT)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1809)

1. Fl-20 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— DigitalBridge Group, Inc. ("DigitalBridge", l-Istati Uniti),

— Equitix Holdings Limited ("Equitix", ir-Renju Unit),

— Freedom Fibre Limited ("Freedom Fibre", ir-Renju Unit), attwalment ikkontrollata minn Equitix,

— VX Fiber Limited ("VX Fiber", ir-Renju Unit), attwalment ikkontrollata minn DigitalBridge, u

— LilaConnect Limited ("LilaConnect", ir-Renju Unit), attwalment ikkontrollata minn DigitalBridge.

DigitalBridge u Equitix jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Freedom Fibre, VX Fiber u LilaConnect.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— DigitalBridge hija ditta tal-investiment li tinvesti, direttament jew permezz tal-fondi ġestiti u l-kumpaniji tal-portafoll tagħha, f'ħames oqsma ewlenin: (i) iċ-ċentri tad-*data*; (ii) it-torrijiet ċellulari; (iii) in-networks tal-fibra; (iv) iċ-ċelloli żgħar; u (v) l-infrastruttura edge,

— Equitix hija investitur, żviluppatur u maniġer tal-fondi fit-tul tal-infrastruttura ewlenija u tal-assi tal-effiċjenza enerġetika,

— Freedom Fibre huwa fornitur tal-FTTP tar-Renju Unit li huwa attiv fl-introduzzjoni ta' networks tal-fibra broadband kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali fir-Renju Unit biss,

— VX Fiber jibni, juża, jopera u jippossjedi networks passivi u attivi tal-fibra sal-bini ("FTTP", fibre-to-the-premises) fir-Renju Unit biss,

— LilaConnect huwa fornitur tas-servizz tal-internet ("ISP", internet service provider) fir-Renju Unit biss.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11487 – DIGITALBRIDGE / EQUITIX / FREEDOM FIBRE / VX FIBER / LILACONNECT

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË